# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 232/2015/1 LM**

**Victor Fenech u Frances Sacco**
***v.***
**Michael Fenech**

1. Din is-sentenza hija dwar talba tal-konvenut biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tal-1 ta' Diċembru 2021 għax igħid illi dik is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811(*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'testment tal-14 ta' Lulju 2010 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, Salvatore Fenech kien ħatar bħala werrieta lil Martu Maria iżda f'każ li, kif ġara, din tmut qablu, iddispona hekk:

»… … … l-istess testatur Saviour Fenech qiegħed jinnomina u jistitwixxi bħala l-uniċi eredi universali proprjetarji u padruni assoluti ta' ġidu kollu inkwantu sest ($^{1}/_{6}$) indiviż lil kull wieħed minn ħutu Dolores mart Giuseppe Galea; Emanuele, Carmelo aħwa Fenech, bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi uliedhom u in mankanza ta' wlied bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom; inkwantu sest ($^{1}/_{6}$) indiviż lil ulied oħtu Antonia mart Consiglio li kunjomu ma jiftakrux, li jisimhom Giuseppe u Carmelo *sive* Charles, fi kwoti ugwali bejniethom, bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom u in mankanza tal-ulied bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom; inkwantu sest ($^{1}/_{6}$) indiviż ieħor lil ulied oħtu Vitorina mart Carmelo Bartolo, li jisimhom Giuseppe u Lorenzo, aħwa Bartolo bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom u in mankanza tal-ulied bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom; **inkwantu sest ($^{1}/_{6}$) indiviż lil ulied ħuh Michele Fenech, fi kwoti ugwali bejniethom, bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wlied-hom u in mankanza tal-ulied bid-dritt tal-akkrexximent bejniet-hom**".«

3. Il-parti relevanti hija dik murija *in grassetto*.

4. L-atturi jgħidu illi, minkejja dak li jgħid it-testment, it-testatur ma kellu ebda ħuh li jismu Michele, iżda kellu ħuh ieħor, li miet qablu, li kien jismu Giuseppe. Giuseppe kellu tliet ulied, li huma ż-żewġ atturi u l-konvenut.

5. Il-konvenut, billi jismu Michael, jippretendi li s-sehem minn sitta ($^{1}/_{6}$) mħolli lil "ulied [ħu t-testatur] Michele Fenech" imiss kollu kemm hu lilu. Billi jgħidu li dan ma huwiex dak li ried it-testatur, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

»1. tiddikjara u tiddeċiedi illi r-riferenza għal "Michele" fit-testment fuq imsemmi da parti tad-*decujus* Salvatore Fenech hi erronja;

»2. konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi s-sest indiviż għal liema jirreferi *in coda* l-ewwel artikolu tat-testment tal-14 ta' Lulju 2010 kien intiż bħala imħolli mid-*decujus* Salvatore Fenech lil ulied ħuh "Giuseppe", ossija l-kontendenti, u mhux lill-intimat waħdu, kif hekk minnu dan pretiż.

»Bl-ispejjeż ... ... ...«

6. L-ewwel qorti wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut iddeċidiet hekk:

»1. tiddikjara … illi r-riferenza għal "ulied ħuh Michele" fit-testment fuq imsemmi da parti tad-*decujus* Salvatore Fenech hi erronea;

»2. konsegwentement tiddikjara illi s-sest ($^1/_6$) indiviż għal liema jagħmel riferiment lejn tmiemu l-ewwel artikolu tat-testment tal-14 ta' Lulju 2010 kien intiż bħala imħolli mid-*decujus* Salvatore Fenech lil ulied ħuh mejjet Giuseppe, ossija l-kontendenti, u mhux lill-konvenut waħdu, kif hekk minnu ġie dan pretiż.

»Bl-ispejjeż … kontra l-konvenut.«

7. Il-konvenut appella iżda din il-qorti bis-sentenza attakkata ċaħdet l-appell u ikkonfermat is-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant. Ir-raġunijiet li wasslu lil din il-qorti biex tiċħad l-appell ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»9. Dan il-każ jittratta kontestazzjoni da parti tal-atturi li t-testment tazziju tagħhom fih żball meta ssir referenza għal "ulied ħuh Michele", peress li t-testatur Salvatore Fenech ma kellu l-ebda ħuh jismu Michele; kwindi s-sest indiviż imħolli mid-*decujus* kien intiż għal ulied ħuh Giuseppe, jiġifieri bejn il-kontendenti fil-kawża u mhux lill-konvenut waħdu, kif pretiż minnu.

»10. Il-konvenut da parti tiegħu jippretendi li t-testment ta' Salvatore Fenech tal-14 ta' Lulju 2010 huwa korrett u juri r-rieda taz-ziju talpartijiet, fis-sens li t-testatur ried iħalli lilu bħala werriet tiegħu għal sest indiviż, peress li t-testatur ma riedx li parti mill-wirt jiddevolvi fuq l-atturi peress li ma riedx li dawn ikunu l-werrieta tiegħu. Mit-testment joħroġ ċar li kull persuna li d-*decujus* ried bħala eredi tiegħu ried li jissemma espressament l-isem tiegħu; kwindi t-testatur ried li l-konvenut jiret issest indiviż involut u mhux li jiret tali sehem flimkien ma' ħutu.

»11. L-ewwel qorti, filwaqt li ċahdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, laqgħet it-talbiet tal-atturi u, wara li ddikjarat li r-referenza għal "ulied ħuh Michele" fit-testment ta' Salvatore Fenech hija żbaljata, iddeċidiet ukoll li s-sest indiviż li għalih issir referenza lejn tmiem l-ewwel artikolu tattestment tal-14 ta' Lulju 2010 kien intiż bħala mħolli mid-*decujus* Salvatore Fenech lil ulied huh mejjet Giuseppe, jiġifieri bejn il-kontendenti kollha u mhux lill-konvenut waħdu, hekk kif minnu pretiż. Blispejjeż kontra l-konvenut.

»12. Il-konvenut ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha. L-aggravju tiegħu jissejjes prinċipalment fuq il-fatt li jingħad minnu li, minkejja li meta jkun hemm dubju dwar disposizzjoni f'testment tali disposizzjoni tiġi interpretata fl-ambitu tattestment kollu u b'mod restrittiv, l-ewwel qorti naqset milli tikkonsidra fatturi determinanti fl-artikolu 1 tat-testment tal-14 ta' Lulju 2010 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon. L-appellant itenni li r-rieda tat-testatur kienet fis-sens illi s-sest indiviż in kontestazzjoni kellu jintiret minnu biss. Jinsisti li minn qari tat-testment jirriżulta b'mod ċar li kull persuna li t-testatur ried li jirtu jissemma espressament b'ismu fit-testment u, meta ħut it-testatur kienu mejtin u għalhekk wirtu sehem in-neputijiet, dawn in-neputijiet issemmew espressament b'isimhom u ġew identi-

fikati, mentri isem l-atturi ma jirriżulta minn imkien mit-testment, peress li t-testatur ma ridhomx jirtuh, għaliex kieku kien isemmihom, hekk kif it-testatur ma semmiex lil ħuh Nazzareno Fenech peress li ma riedx li dan jirtu. *Inoltre*, l-atturi appellati kienu jgħixu fl-istess viċinanzi tat-testatur, u għalhekk lanqas jista' jingħad li t-testatur nesihom u li allura ma jagħmilx sens li, filwaqt li t-testatur ftakar l-isem ta' dawk in-neputijiet li joqogħdu 'l bogħod, nesa lill-atturi. Kwindi jilmenta li l-ewwel qorti għażlet li tagħti l-aktar interpretazzjoni vaga li setgħet tingħata lit-testment in eżami u dan billi biddlet l-isem tal-werriet li kien digà identifikat.

»13. Il-konvenut appellant hassu aggravat ukoll bil-fatt li l-ewwel qorti skartat ukoll ix-xiehda tan-Nutar Joseph Henry Saydon, uffiċjal pubbliku li jista' jitqies bħala xhud indipendenti, li spjega li huwa niżżel l-isem Michele għaliex dak kien l-isem li t-testatur semmielu u li l-konvenut kien l-uniku wieħed fil-familja li kellu dak l-isem, u li fil-fehma tiegħu skont ir-regoli tal-interpretazzjoni din kienet l-iktar ħaġa li tirrifletti l-intenzjoni tat-testatur. Għalhekk deherlu li Michele biss kellu jidher fuq il-*causa mortis*. L-appellant ifisser ukoll li ma jaqbilx mal-ewwel qorti li qieset li l-iżball kien tat-testatur meta semma lil Michele flok Giuseppe, mentri jekk xejn l-iżball kien tan-nutar li kompla jikteb it-testment bil-kwalifiki li kienu ssemmew aktar qabel fl-istess testment, tant li l-istess nutar ħass li s-sest indiviż kellu jintiret minnu. L-ewwel qorti fid-deċiżjoni tagħha qieset li l-isem tal-werriet għandu jinbidel ġaladarba n-nutar xehed li kiteb dak li qallu t-testatur, meta effettivament minn qari tax-xiehda tan-nutar jirriżulta li huwa niżżel lil dawk il-persuni li t-testatur ried li jirtuh. L-appellant isostni li n-nutar baqa' juża d-diċitura li kienet qiegħda tintuża fil-kaz tal-ulied ta' Antonia u Vitorina bi żball, meta s-sest indiviż kellu jiddevolvi fuq iben ħuh, Michele, biss, għaliex it-testatur lilu semma u identifika man-nutar, tant li n-nutar identifika r-rieda tat-testatur fis-sens li sest indiviż kellu jgħaddi fuqu ġaladarba t-testatur semma isem wiehed.

»14. L-istess appellant ħassu aggravat bil-fatt li sest indiviż ma kienx spettanti lilu peress li hu jismu Michael u mhux Michele, dan meta mit-testment joħrog ċar li l-isem tal-werrieta tniżżlu kollha bit-Taljan u mhux bl-Ingliż jew bil-Malti. *Inoltre* l-interpretazzjoni tar-rieda tat-testatur għandha tkun waħda restrittiva, kif jirriżulta mix-xiehda tan-Nutar Saydon u għalhekk l-appellant iħossu aggravat bil-fatt li, minflok l-ewwel qorti interpretat it-testment b'mod restrittiv, qieset l-ismijiet identifikati mit-testatur, straħet fuq il-kwalifiki u saħansitra biddlet il-persuna tal-werriet. Fid-dawl tal-bqija tad-disposizzjonijiet magħmula mit-testatur fit-testment tiegħu, jirriżulta li huwa kien niżżel espressament l-ismijiet ta' dawk il-persuni li t-testatur ried li jirtuh u għalhekk dawk il-persuni li mhumiex imsemmija kellhom jitqiesu bħala esklużi mill-wirt ta' Salvatore Fenech. L-ewwel qorti naqset milli tikkonsidra li, jekk hemm żball fit-testment, dan huwa l-mod kif in-nutar niżżel il-kwalifiki bl-istess mod għaż-żewġ sesti indiviżi preċedenti msemmija fl-istess artikolu, fis-sens li kompla jikteb il-kwalifiki ta' wlied ħuh, meta t-testatur identifika lilu biss bħala werriet ta' sest indiviż. Kwindi l-iżball ma kienx fl-isem iżda fil-mod ta' kif ġie redatt it-testment.

»15. L-appellant jikkritika wkoll lill-ewwel qorti meta kkonsidrat li t-testatur ma kienx iffukat meta huwa nesa wkoll il-kunjom ta' oħtu miżżewġa Antonia, iżda t-testatur irrefera għaliha, għal żewġha u għal uliedha. Dan, fil-fehma tiegħu, aktar jagħmel verosimili s-sitwazzjoni

fejn it-testatur semma l-isem ta' min ried li jirtu fit-testment, peress li kien identifika lil kull min ried li jirtu bl-isem u mhux bil-kwalifiki tiegħu. Mill-provi jirriżulta li t-testatur ma kienx xi wieħed li jitfixkel l-ismijiet u dan kif ammess mill-istess attur appellat, Victor Fenech. Għalhekk jingħad mill-appellant li t-testatur bl-ebda mod ma' tfixkel lil Michele ma' Giuseppe, iżda semma lil Michele peress li ried li dan jirtu u mhux ħutu wkoll. Wara kollox, l-appellant jisħaq li jirriżulta mill-provi li kien l-istess testatur li għarrfu li ried li sest indiviż jintiret minnu, kif jirriżulta mix-xiehda ta' Lawrence Bartolo li l-appellant kien ben konsapevoli ta' dak li kien fih it-testment qabel ma nqara, li t-testatur ried jeskludi mill-wirt kemm lil ħutu (l-appellati) kif ukoll lil zijuh Zaren Fenech. Dan apparti li Carmelo Vella xehed li zijuh Salvatore kien itennilu sabiex ma jinbidel xejn mit-testment tiegħu. L-appellant isostni li tant l-appellati ma kinux iġibu rispett lejn iz-ziju tagħhom li l-attriċi lanqas marret il-funeral tiegħu peress li qalet lanqas kienet biss taf li z-ziju tagħha miet. Għalhekk l-ewwel qorti żbaljat meta ma tatx inter-pretazzjoni restrittiva iżda interpretat it-testment bl-aktar mod wiesa', billi biddlet il-werriet intiż li ried it-testatur, meta jirriżulta li kull min it-testatur ried li jirtu tniżżel b'ismu u min ma riedx li jirtu tħalla barra, kif effettivament jirriżulta korroborat bix-xiehda tan-Nutar Joseph Henry Saydon.

»… … …

»18. … … … it-testment ta' Salvatore Fenech jagħti lok għal dubju, peress li t-testatur ma kellux ħuh li jismu Michele, iżda kellu ħuh premort li jismu Giuseppe, li kellu tliet ulied, li huma l-kontendenti f'din il-kawża (fosthom il-konvenut Michael). Kwindi l-ewwel qorti kellha bilfors tagħti l-interpretazzjoni tagħha sabiex tittanta tasal għall-intenzjoni tat-testatur. Iż-żewġ partijiet jagħtu l-interpretazzjoni tagħhom tal-intenzjoni tat-testatur, li fiż-żewġ każijiet jista' jingħad li huma konformi mal-liġi. Kemm jista' jkun wieħed irid jasal għall-intenzjoni tat-testatur mill-kliem tat-testment innifsu mingħajr ma jagħti qies ta' provi oħra. Fil-verità dan ifisser li bosta konsiderazzjonijiet magħmula mill-konvenut appellant jaqgħu lil hinn mill-eżerċizzju li hija tenuta li tagħmel il-qorti fid-determinazzjoni tar-rieda tat-testatur. Hekk, per eżempju, ma tantx titqies relevanti x-xiehda ta' Lawrence Bartolo u Carmelo Vella jew il-fatt li l-attriċi appellata ma marritx il-funeral tad-*decujus*.

»19. F'dan il-kuntest hija relevanti l-konsiderazzjoni tal-ewwel qorti fis-sens "illi l-konvenut isostni li l-unika persuna fil-familja li jisimha 'Michele' huwa hu u għaldaqstant it-testatur kien qed jirreferi għalih". Dan iżda ma jistax jaqbel mal-qari globali tat-testment. Jidher ċar li t-testatur kien qiegħed iħalli ġidu f'ishma ndaqs bejn ħutu ħajjin u n-neputijiet kollha ta' ħutu l-mejtin *per stirpes*. It-test tat-testment isegwi din l-istruttura: jibda bl-aħwa ħajjin u jkompli b'ulied l-aħwa mejtin waħda wara l-oħra. Ma hemm l-ebda preferenza ma' ħadd. It-testatur, kieku ried jippreferi lill-konvenut, presumibbilment kien jiffavurih iktar mill-kwota ta' waħda minn sitta. Anke kieku t-testatur tabilħaqq kien qed jirreferi għall-konvenut, mhux "Michele" tħalla werriet imma "wliedu". Filwaqt li din il-qorti taqbel perfettament mal-analiżi mwettqa mill-ewwel qorti, tqis aktar verosimili l-interpretazzjoni li ngħatat mill-ewwel qorti minn dik mogħtija mill-appellant, peress li tabilħaqq id-disposizzjoni hawn qabel ċitata għandha struttura meta l-ewwel jissemmew ħut it-testatur li għadhom ġajjin u wara tgħaddi sabiex

jissemmew ulied l-aħwa mejtin, mill-interpretazzjoni mogħtija mill-appellant fejn jistieden lill-qorti tiskarta dan u minflok tqis biss dawk il-persuni li ssemmew b'isimhom. Wara kollox, fil-kuntest tal-istess testment, l-interpretazzjoni mogħtija mill-appellant tfisser li jkunu wlied il-konvenut u mhux il-konvenut innifsu li jkollhom dritt għas-sest indiviż.

»20. Mhuwiex kontestat bejn il-kontendenti fil-kawża li t-testatur kellu ħuh jismu Nazzareno li tħalla barra u mill-provi jirriżulta li t-testatur kellu tilwima miegħu. Għalkemm l-appellant jippretendi li peress li tniżżel ismu huwa kellu d-dritt għas-sest indiviż waħdu u minkejja li huwa minnu li l-atturi appellati ma tniżżlux b'isimhom fit-testment, dan il-fatt waħdu ma jfissirx li t-testatur nesihom ġaladarba t-testatur jagħmel referenza għal ulied ħuh (minkejja li r-referenza hija għal "ulied huh Michele", meta t-testatur ma kellux ħuh bl-isem "Michele"). It-teżi tal-appellant li l-atturi appellati ma kinux jinġiebu mat-testatur huma pjuttost gratuwiti, tant li mill-provi jirriżulta li t-testatur kien qabbad lill-attur appellat jagħmillu xi xogħol ta' mastrudaxxa (u mhux lill-appellant minkejja li kellu l-istess sengħa). L-argumenti tal-appellant f'dan is-sens jitqiesu, fl-aħjar ipoteżi, konġetturali. Huwa aktar vero-simili li meta t-testatur għamel referenza għal "ulied ħuh" qabel l-isem, kif ukoll "fi kwoti ugwali bejniethom" u bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom jew bl-akkrexximent, skont il każ, kien qiegħed jirreferi għall-aħwa kontendenti fil-kawza bħala wlied ħuh u mhux ulied il-konvenut.

»21. In kwantu għax-xiehda tan-Nutar Saydon, jirriżulta li għalkemm l-ewwel qorti ħadet konjizzjoni tax-xiehda tan-nutar li huwa niżżel fedelment dak li qallu t-testatur, u li kien wara li nfetaħ it-testment li ntebaħ li t-testatur ma kellux ħuh jismu Michele, iżda kif osservat mill-ewwel qorti, in-nutar la ammetta li għamel xi żball u lanqas ġie mistoqsi dwar l-iżball li seta' sar, meta l-argument fl-appell tal-appellant qiegħed jissejjes fuq il-possibilità li kien in-nutar li għamel żball meta rrediega t-testment. Kien biss fl-istadju tan-nota ta' sotto-missjonijiet u issa fl-appell li l-appellant li jikkontendi li l-iżball kien fil-mod li n-nutar kompla jikteb it-testment bil-kwalifiki li huwa kien uża għall-eredi l-oħrajn, meta huwa magħruf li mhux imħolli li l-partijiet iressqu eċċezzjonijiet ġodda li ma tressqux fin-nota tal-eċċezzjonijiet. Fi kwalunwe każ, ma hemm xejn ħażin fil-fatt li l-ewwel qorti minkejja li qieset ix-xiehda tan-nutar, li la ssemma Michele, u dan kien l-uniku Michele fil-familja, dan kien ifisser li s-sest indiviż jispetta lill-konvenut appellant, u għalhekk deher biss il konvenut fuq il-*causa mortis*, ma qablitx ma' din l-interpretazzjoni mogħtija min-nutar, in kwantu l-inter-pretazzjoni mogħtija mill-ewwel qorti hija bbażata fuq il-kliem u l-istruttura tal-artikolu tat-testment in eżami.

»22. Wara kollox, l-eżerċizzju li għamlet l-ewwel qorti huwa dak maħsub fl-artikolu 694 tal-Kodiċi Ċivili, fis-sens li għalkemm seta' kien hemm ekwivoku dwar uħud mill-werrieta, id-disposizzjoni tibqa' waħda valida ġaladarba jkun xorta possibbli li tiġi determinata r-rieda tat-testatur. … … …

»… … …

»23. Fil-fehma ta' din il-qorti, l-ewwel qorti setgħet raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u din il-qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fl-ezerċizzju interpretattiv imwettaq mill-ewwel qorti. Minn eżami mill-ġdid tal-provi in atti, jirriżulta ċar li dan kien każ ta' żball fid-

> disposizzjoni testamentarja li bil-liġi tista’ u għandha tiġi kkorreġuta. Il-korrezzjoni awtorizzata mill-ewwel qorti ma titqiesx bidla fil-persuna tal-werriet, kif jikkontendi l-appellant, iżda interpretazzjoni loġika ta’ dak li t-testatur ried jiddisponi permezz tat-testment tiegħu. Fil-kuntest tal-artikolu in eżami, din il-qorti mhix konvinta li t-testatur semma l-isem Michele bil-ħsieb li jeskludi lil ħutu l-appellati, kif jippretendi l-appellant. Il-provi in atti mhumiex ta’ sostenn għat-teżi tal-konvenut appellant.
>
> »Għar-raġunijiet premessi tiċħad l-appell tal-konvenut appellant, u tikkonferma s-sentenza appellata tat-22 ta’ Settembru 2016 fil-kawża fl-ismijiet premessi.
>
> »L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-konvenut appellant.«

8. Il-konvenut issa, b’rikors tat-13 ta’ Jannar 2022 illi għalih l-atturi wieġbu fit-2 ta’ Frar 2022, qiegħed igħid illi s-sentenza ta’ din il-qorti għandha titħassar, u l-appell jinstema’ mill-ġdid, għax is-sentenza hija l-effet ta’ żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża kif igħid l-art. 811(*l*) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> »**811**. Kawża deċiża b’sentenza mogħtija fi grad ta’ appell … tista’, fuq talba ta’ waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza …:
>
> »… … …
>
> »(*l*) jekk is-sentenza kienet l-effett ta’ żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.
>
> »Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta’ xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza.«

9. Il-konvenut fisser ir-raġunijiet tiegħu hekk:

> »… … … iħossu perpless bil-mod kif ġew ikkunsidrati l-provi, u jħoss illi s-sentenza ritrattata tikkontjeni żbalji li jidher mill-atti nfushom, f’livell tali li joħloq inġustizzja kbira mhux biss fil-konfront tiegħu, iżda wkoll fil-konfront tax-xewqat tal-mejjet Salvatore Fenech. Fil-fehma tiegħu, dawn l-iżbalji jistonaw ferm mal-provi miġjuba, u jwasslu għal konklużjoni illi hija fattwalment inspjegabbli fil-kuntest ta’ dak miġjub. Huwa fatt illi l-esponenti kellu qrubija mal-mejjet Salvatore Fenech, kien idur bih u jieħu ħsiebu; dan jirriżulta paċifiku u pruvat. Fil-fehma tal-esponenti huwa għal kollox illoġiku illi jingħad illi Salvatore Fenech nesa fit-testment lill-aktar persuna qrib tiegħu, dik il-persuna li kienet

tieħu ħsiebu u taqdih, u dik il-persuna li kienet toqgħod bieb ma' bieb ma' ħuha [*sic*]. Fil-fehma umili tal-esponenti, huwa għal kollox illoġiku li jingħad illi 'Michele' mhux 'Michael', meta l-isem Michael huwa sempliċiment traduzzjoni Ingliża tal-verżjoni taljanizzata tal-istess isem, li hija wkoll parti mill-istruttura tat-testment li kien jeħtiġilha tingħata piż. Fil-fatt, jekk wieħed jaqra t-testment, jintebaħ illi, fuq kulħadd, l-isem utilizzat huwa dak taljanizzat – per eżempju, wieħed mill-eredi li jismu Joseph ġie indikat bhala Giuseppe; allura bl-istess argument, jista' jingħad illi Giuseppe ma jeżistix? Hawnhekk f'dan il-każ qed nidħlu f'*realm* ta' kif il-fatti jwittu t-triq għal dik l-interpretazzjoni l-aktar probabbli, u l-esponenti sinċerament ma jistax jifhem kif il-'Michele' msemmi fit-testment ġie deċiż illi ma huwa 'ħadd', *as opposed to* li kien fil-fatt l-akar persuna qrib it-testatur, u li ħadem miegħu u għenu għal tant snin!

»Tajjeb li jingħad hawnhekk illi huwa assolutament normali illi min imur jagħmel testment ma jkunx jaf eżattament x'jismu l-persuna fuq id-dokumenti uffiċjali, imma jirreferi għaliha kif jafha hu. Ċert l-esponenti illi kulħadd għadda mill-esperjenza fejn qarib anzjan isejjaħlu b'isem li huwa differenti minn dak fuq id-dokument uffiċjali tiegħu, u f'dan ma hemm xejn stramb jew inkomuni. Tabilħaqq, l-użu ta' isem minn anzjan ħafna drabi tkun forma ta' *term of endearment* lejn dik il-persuna li huwa jgħożż.

»Ħafna drabi wkoll tidħol id in-nutar, li fil-kitba jagħti element ta' interpretazzjoni ta' dak li qed jgħidu t-testatur, u, jagħmel kemm jagħmel mill-aħjar in-nutar biex ikun fidili ma' dak li qed jgħidlu l-klijent tiegħu, anke minħabba l-fatt illi huwa jkollu 'id' legali, dejjem ikun hemm kemmxejn ta' 'interpretazzjoni' ta' dak li qed jingħad. Allura huwa assolutament verosimili illi Salvatore Fenech, li fl-2010 kien anzjan mhux ftit, semma lil 'Kieli' (kif inhu magħruf ir-rikorrenti), u n-nutar kitbu b'dak li deherlu li seta' kien l-isem uffiċjali bit-Taljan, bħall-bqija tal-werrieta l-oħra. Minn dan jitwieldu għadd ta' domandi.

»• huwa verosimili li Salvatore Fenech kien se jħalli lill-esponenti – xi ħadd tant qrib – assolutament b'xejn?

»• jekk 'Michele' mhux Michael, mela min kien?

»• jekk 'Michele' ma hu ħadd, minn fejn inqala' dan l-isem, u għaliex inkiteb fit-testment?

»• jekk jiġi konċess illi t-testatur ħa żball, liema 'żball' huwa l-aktar verosimili u li jista' loġikament jiġi spjegat: li ssemma isem ma jeżistix, jew li isem ġie indikat bil-mod kif kien jissejjaħ bil-fomm u mhux fil-kostruzzjoni uffiċjali tiegħu?

»Wieħed ifakkar il-prinċipju massimu: *error nominis numquam nocet, si de identitate rei constat.*

»Min-naħa l-oħra, l-espressjoni stilistika u sintattika tan-nutar hija biss dik li hi – espressjoni tan-nutar, u xejn aktar. Allura, wieħed ma jistax jinsa illi waqt testment il-pinna (jew it-tastiera) ma jkunux f'idejn it-testatur, imma f'idejn min qiegħed ikun inkarigat li jpoġġi kliemu fil-forma legali. U allura, għad illi l-istruttura tat-testment hija importanti, ċertament ma hijiex daqstant vitali illi tħoll u torbot l-interpretazzjoni ta' testment, għax dik hija l-interpretazzjoni legali tan-nutar tax-xewqat tat-testatur. *Se mai*, is-sintattika fit-testment (u l-istruttura tal-kitba) hija turija tal-istil u l-i*standard* grammatiku tan-nutar, u mhux it-tagħrif

ultimu tal-volontà ta’ min qiegħed jipprova jfisser ix-xewqat tiegħu *tramite* interpretu notarili.

»Hija l-umili fehma tal-esponenti illi id-domanda li kellha tagħmel ilqorti kienet, meta semma ’l Michele, x’ried jgħid biha? Il-possibilitajiet kienu tnejn:

»i. Michele kien totalment isem ma jeżistix, u Salvatore Fenech litteralment semma persuna fantażma;

jew

»ii. Michele kien l-isem li bih – raġel anzjan – kien isejjaħ lil neputih li wara kollox kien magħruf bhala ‘Kieli’, u li ismu uffiċjali huwa ‘Michael’.

»Li ġara kien waħda jew l-oħra.

»It-tqabbil tal-verosimilità kellu jħalli riżultat wieħed; iżda b’sorpriża għall-esponenti l-qorti għażlet l-ewwel possibilità. L-esponenti sinċerament iqis illi huwa għal kollox inkonċepibbli kif l-ewwel possibilità setgħet qatt tirrenja fuq it-tieni, meta għalih huwa totalment evidenti illi, meta semma lil ‘Michele’, it-testatur kien qed jgħid għalih. L-esponenti ma jaqbilx mal-fatt illi s-sentenza ritrattata tat piż l-istruttura tas-sentenza fit-testment (li tajjeb jingħad li ma kinitx fil-kontroll tat-testatur, għax maħruġa minn id in-nutar), iżda ma tat piż ta’ xejn għall-fatt illi Michele u Michael huma l-istess ħaġa! L-esponenti ma jaħsibx illi t-testatur qagħad jgħid lin-nutar fejn jagħmel il-virgola, jew jiddettalu kelma b’kelma dak li għandu jikteb, bil-finituri sintattiċi u ortografiċi relativi.

»L-esponenti f’dan l-istadju ma jistax jagħmel sottomissjonijiet dwar l-aspetti legali tal-interpretazzjoni ta’ testmenti, għaliex f’dan il-forum l-ilment tiegħu jista’ jibqa’ biss limitat versu dak li jgħid l-artikolu 811. U hawnhekk, mill-perspettiva legali biss, l-esponenti jemmen illi mill-provi huwa ċertament seta’ jiġi identifikat bħala l-‘Michele’ msemmi fit-testment, u allura d-disposizzjoni testamentarja fil-konfront tiegħu kellha tibqa’ fis-seħħ – *certo corpore legato demonstratio falsa posita non perimit legatum*.

»Apparti hekk, l-esponenti ma jaqbilx ma’ dak li qalet il-qorti illi fejn hemm miktub ‘ulied ħuh Michele’ jfisser illi *se mai* it-testatur ried jgħid illi għandu ħuh Michele, u illi allura, billi Michele ma kienx ħuh, din kienet prova kontra l-esponenti. L-interpretazzjoni kellha tkun illi dik il-linja riedet tgħid ‘ulied ħuh, Michele’ (ara l-virgola). Jekk wieħed għandu jagħti widen lill-istruttura tas-sentenza (li hija espressjoni tan-nutar li qed jiktibha!), wieħed jeħtieġ jistqarr illi t-testment ma huwiex eżattament xempju ta’ Malti tajjeb jew ta’ punteġġjatura preċiża, u huwa għalhekk illi wieħed kellu jinterpreta t-testment fil-kuntest taċ-ċirkostanzi fattwali, u ma jeħilx f’punti illi finalment huma kuntradetti mill-fatti nfushom.

»Il-fatti u l-provi juru illi r-riferenza għal Michele hija riferenza għal Michael, u mhux għal persuna li ma teżistix.«

10. Minn qari tar-rikors jidher ċar illi l-argument tal-konvenut essenzjalment hu illi hu ma jaqbilx mal-mod kif il-qorti interpretat it-testment, u mhux illi s-

sentenza hija msejsa "fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament". Il-"fatt" li fuqu hija msejsa s-sentenza huwa l-kliem tat-testment, li hu dak li interpretat il-qorti. Kien ikun hemm żball li kieku l-qorti irriproduċiet il-kliem tat-testment ħażin u qagħdet fuq dik il-verżjoni ħażina tal-"fatt" biex tat l-interpretazzjoni, iżda dan ma huwiex il-każ.

11. Ukoll, ma kienx għax il-legatarju fit-testment issejjaħ "Michele' flok "Michael" illi l-qorti fehmet il-legat kif fehmitu, kif jidher li qiegħed jargumenta l-appellant. U lanqas ma fehmet illi l-legatarju kien "persuna fantażma" jew ineżistenti, iżda persuna speċifika u identifikata, kif igħid u jrid l-art. 694 tal-Kodiċi Ċivili, għalkemm indikata b'isem ħażin,

12. Essenzjalment l-argument tal-konvenut huwa illi "jemmen illi mill-provi huwa ċertament seta' jiġi identifikat bħala l-'Michele' msemmi fit-testment". Fi kliem ieħor, interpretazzjoni differenti minn dik mogħtija mill-qorti hija possibbli. Il-fatt iżda illi t-testment seta' leġittimament jiġi interpretat mod ieħor – bla ma nidħlu fil-kwistjoni, għax irrelevanti għall-għanijiet tal-proċedura ta' ritrattazzjoni, jekk dan huwiex minnu – ma jfissirx illi l-interpretazzjoni magħżula mill-qorti hija msejsa fuq żball: ikun ifisser biss illi fost żewġ interpretazzjonijiet leġittimi l-qorti għażlet waħda u warrbet l-oħra, għażla li ma hijiex sindakabbli fil-kuntest tal-proċeduri tallum. Effettivament il-konvenut qiegħed ifittex li jinqeda b'dawn il-proċeduri biex

jagħmel appell minn sentenza tal-Qorti tal-Appell meta l-liġi tgħid espressament li ma hemmx appell mis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell[1].

13. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba għat-tħassir tas-sentenza. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom il-konvenut. Ukoll, billi hija tal-fehma illi r-rikors tal-konvenut huwa fieragħ meta tqis li hu rikors għal ritrattazzjoni, il-qorti, wara li rat l-art. 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Robert G Mangion<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

---

1 Art. 227, Kod. Proċ. Ċiv.